MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1809/2001/1

**Joseph u Emanuela konjugi Agius, Alfred Agius, Rose Falzon, Joseph Agius, Liliana Abela, Charles Agius u Anna Caruana fil-kwalita` taghhom bhala l-unici u l-legittimi eredi tal-mejjet Dominic Agius**

**v.**

**All Services Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1 Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Gunju 2005, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha t-talbiet attrici gew milqughin *in parte* u b'dana li l-istess socjeta`

appellanti giet iddikjarata responsabbli fi grad ta' tlett kwarti (¾) ghall-incident li sehh fid-19 ta' Awissu 1999, li fih tilef hajtu Dominic Agius, guvni, fl-eta` ta' 36 sena, u kkundannatha thallas lill-atturi, in linea ta' danni, is-somma ta' Lm22,275 bl-interessi legali mid-data tas-sentenza sal-hlas effettiv.  L-ispejjez kellhom jithallsu kwantu ghal kwart (¼) mill-atturi, u tlett kwarti (¾) mis-socjeta` konvenuta.

1.2  Permezz ta' l-appell taghha, is-socjeta` konvenuta qieghda titlob riforma tas-sentenza moghtija billi tiddikjaraha li hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni u tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontrihom u [recte: jew] alternattivament, fil-kaz li hija tigi tenuta minn din il-Qorti li ghandha twiegeb ghal xi grad ta' responsabbilita`, tirriforma l-istess sentenza appellata billi tirriduci l-grad ta' responsabbilita` imputabbli ghall-istess socjeta` appellanti, u inoltre, dejjem dan bla pregudizzju ghall-ewwel talba taghha, fir-rigward tal-*quantum*, taghmel il-modifiki xierqa u opportuni sabiex tirriducih a bazi ta' l-aggravji surreferiti, bl-ispejjez.

1.3  Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell qieghda tigi hawn taht riprodotta *in toto* s-sentenza appellata li fiha l-Qorti ta' l-ewwel grad irriteniet u ddecidiet hekk,
"Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fil-21 ta' Novembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

"Il-mejjet Dominic Agius kellu impjieg ghall-perjodu indefinit mas-socjeta` konvenuta.

"Ix-xoghol li kien jaghmel dan Dominic Agius kien jikkonsisti f'illi huwa jghabbi, igorr u jhott kaxxex u tankijiet minn fuq it-trakkijiet tas-socjeta` konvenuta.

"Fid-19 t'Awissu, 1999, Dominic Agius weggha waqt li kien qieghed jesegwixxi x-xoghol tieghu tant illi dan tilef hajtu u dana wara illi zelaq minn fuq trakk tal-marka Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni CAO-896 proprjeta` tas-socjeta` konvenuta u weggha ma' hadida.

"L-imsemmi incident sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti

*da parti* tas-socjeta` konvenuta u dan hekk kif se jkollhom l-opportunita` illi jipprovaw l-atturi fil-mori tal-kawza.

"Ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata mill-atturi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni, din baqghet inadempjenti.

"Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-incident illi sehh nhar id-19 t'Awissu, 1999 fejn tilef hajtu Dominic Agius sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti *da parti* tas-socjeta` konvenuta.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi.

"3. Tordna l-hlas mis-socjeta` konvenuta lill-atturi tas-somma hekk likwidata *ai fini* tat-tieni talba.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 6 t'Awissu, 2001, u bl-imghax.

"Rappresentanti, diretturi u impjegati minn issa ingunti *in subizzjoni*.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha ecepiet illi:

"1. Preliminarjament l-atturi jridu jgibu prova tal-interess guridiku taghhom biex jippromwovu l-azzjoni billi ma' gew ezebiti l-ebda certifikati jew arblu tar-razza *in sostenn* tal-allegazzjoni taghhom li huma l-legittimi eredi tal-mejjet Dominic Agius.

"2. Fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta ma' tahti xejn ghall-incident li gara fid-19 t'Awissu, 1999 u l-fatt illi l-istess Dominic Agius wegga' waqt ix-xoghol ma jfissirx awtomatikament li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli izda l-atturi ghandhom jippruvaw li kien hemm xi negligenza, nuqqas jew imperizja *da parti* tal-eccipjenti –

haga li ma rrizultatx mill-investigazzjonijiet li saru min-naha tal-eccipjenti.

*"3. Inoltre* minghajr pregudizzju ghall-permess u *in linea* sussidjarja, l-eccipjenti ma jahtux ghall-eventwali decess tal-imsemmi Dominic Agius u jista' jkun li hemm fatturi ohra indipendenti li taw lok ghall-eventwali decess li mhux necessarjament ghandhom jigu ndirizzati mis-socjeta` eccipjenti.

"4. Minghajr pregudizzju ghall-permess u *in linea* sussidjarja fir-rigward tal-*quantum*, *in linea* ta' gurisprudenza lokali *in materja*, ghandu jkun hemm temperament sostanzjali tenut kont tac-cirkostanzi personali tal-imsemmi Dominic Agius.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

"Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2003, fejn is-socjeta` konvenuta, wara li ezaminat id-dokumenti esebiti mill-atturi bin-nota tas-26 ta' Gunju, 2002, iddikjarat li qed tirtira l-ewwel eccezzjoni;

"Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

"Ikkunsidrat;

"L-atturi f'din il-kawza huma kollha ahwa ta' Dominic Agius li kien jahdem fuq kuntratt ghall-perjodu indefinit mas-socjeta` konvenuta. Xogholu kien jikkonsisti filli jghabbi, igorr u jhott kaxxex u tankijiet minn fuq it-*truckijiet* tas-socjeta` konvenuta. Fid-19 t'Awissu, 1999, l-imsemmi

Dominic Agius u siehbu certu, William Healey, ghabbew *truck* merkanzija mill-mahzen tas-socjeta` konvenuta u hargu jduru ma’ diversi ibliet gewwa Malta iqassmu l-merkanzija lill-klienti tas-socjeta` konvenuta. Peress li l-merkanzija tkun tikkonsisti f’diversi kaxxex ta’ daqs differenti, it-*truck* ikun maqsum b’vireg tal-hadid vertikali biex il-kaxxex ikun jistghu jigu stivati ahjar. Bejn il-vireg vertikali, jitpoggew vireg ohra orizzontali li jintuzaw biex il-merkanzija ma toqghodx tigri fit-*truck*. Dawn il-vireg orizzontali mhumiex fissi, izda jitnehhew minn posthom waqt li l-kaxxex ikun qed jigu mghobbija fit-*truck* jew waqt il-hatt.

"Dak inhar tal-incident, fil-jum imsemmi, Dominic Agius u siehbu kellhom jaghmlu konsenja f’hanut go Triq Guze Pace gewwa l-Hamrun. Peress li t-triq kienet mimlija karozzi pparkjati, huma waqfu *double parking* barra l-hanut. William Healey mar fuq in-naha ta’ barra tat-*truck*, waqt li Dominic Agius kien fuq in-naha ta’ gewwa, u t-tnejn bdew ihottu kaxxex minn got-*truck*. Biex ihottu l-kaxxex, kien hemm bzonn titnehha l-hadida orizzontali, u sakemm isir il-hatt, dawn il-vireg jitpoggew mal-art jew mal-genb tat-truck.

"William Healey qabad kaxxa min naha tieghu, u dar mat-*truck* bil-hsieb li jaghmel il-konsenja taghha fil-hanut. Hekk kif dar mat-*truck*, lemah lil Agius izomm quddiem u wara tal-parti privati tieghu b’idejh. Dan Dominic Agius beda jghajjat bl-ugiegh, u qal li kien dahhal hadida fil-warrani tieghu. Dan Healey ra l-virga mal-art, u induna li din kienet imcappsa b’likwidu kulur ahmar lewn id-demm; peress li dawn il-vireg kien *hollow* minn gewwa, instab li fit-tubu kien hemm ukoll xi materjal. Is-Sur Healey, meta ra dan, waqqaf karozza li kienet ghaddejja u ha lill-Agius malajr l-isptar. Meta waslu fid-dipartiment tal-emergenza fl-isptar, Dominic Agius qal lil siehbu li ried imur *toilet*. William Healey dahlu f’*toilet*, izda wara ftit is-Sur Agius hareg jokrob bl-ugiegh. Is-Sur Healey, imbaghad, dahlu fil-kamra tal-emergenza, u mar jaghti d-dettalji tal-incident fir-*reception room*. Is-Sur Healey ma regax ra lill-Dominic Agius peress li dan miet b’konsegwenza tal-griehi li sofra.

"Is-Sur Healey ma rax l-incident isir, *pero`* minn dak li innota, hu stqarr li wisq probabbli dak li gara hu li Agius, wara li qala l-virga, seraha b'mod vertikali mal-genb tat-*truck*, u tela' fuq it-*truck*, u waqa' fuq il-virga li dahlet fil-warrani tieghu. Fil-fatt, is-Sur Healey sema' lill-Agius jokrob bl-ugiegh, u rah jaghmel mossa b'idu fuq wara bhal qiesu qieghed jaqla xi haga mill-warrani tieghu.

"Kif inghad, is-Sur Healey ma rax l-incident isir, *pero`*, il-Qorti taqbel mieghu li wisq probabbli l-incident hekk sehh, u d-dinamika tal-griehi u tal-mossi li ghamel Agius ezatt wara l-incident jikkonfermaw din il-verzjoni. Is-Sur Healey, fil-fatt, xehed li l-incident bil-fors hekk gara, *"ghalhiex kieku Agius ma zelaqx minn max-xifer tal-genb tat-truck u qabez normali, huwa zgur li kien se jaqbez 'il barra minn mat-truck, u m'hux jinzel dritt mal-genb tat-truck hekk kif gara"*.

"Dan ix-xhud spjega wkoll li l-incident sehh fl-istagun tas-sajf u x-xoghol taghhom kien fl-aqwa tieghu. Minhabba f'hekk, is-socjeta` konvenuta kienet tghabbi t-*truck* aktar minn normali, biex il-konsenja kollha issir bi *truck* wiehed u b'hekk jigi frankat l-uzu ta' *truck* iehor b'haddiema ohra. Hu qal li fejn normalment, *pellet* titghabba f'36 kaxxa, fis-sajf jitnehha l-*pellet* u jiddefsu 50 kaxxa fl-istess spazju. Minhabba f'hekk, l-ispazju fil-genb tat-*truck* fejn wiehed itellgha siequ halli jkun jista' jhott il-kaxxi billi jigbed il-kaxxi 'l isfel, kienu aktar dojoq mis-soltu, b'mod li x-xoghol tal-hatt sar aktar difficcli.

"Hu ammess li z-zewg haddiema dak iz-zmien kienu libsin *safety shoes*, li, skond id-*distribution manager* tas-socjeta` konvenuta, ghandhom qiegh *anti-slip* u huma *safety shoes* specjali ghad-*delivery men*.

"Wara l-mewt ta' Dominic Agius, l-eredi tieghu, li huma hutu peress li d-*de cujus* kien guvni, fethu dawn il-proceduri fejn qed jitolbu kumpens minghand id-ditta konvenuta, peress li qed jallegaw li l-mewt ta' huhom kien rizultat ta' diversi nuqqasijiet tal-kumpanija konvenuta bhala l-*employer*.

"Fil-kuntest tal-obbligi ta' min ihaddem intqal li *"There are then a number of clearly identifiable factors which the judge will have in mind in deciding whether an employee's claim should be successful – in effect the 'ingredients' of reasonable care"* – Whincup, *"Modern Employment Law"* (6th Edit. p. 198). L-ingredienti li jalenka dan l-attur huma s-segwenti:

*"1) First and foremost is the question of the likelihood or otherwise of injury. The more likely or probable an accident is, the greater the duty to guard against it. But, if there is only a remote possibility of danger, the need for precautions is usually much reduced.*

*"2) The second factor helping us to decide whether an employer took reasonable care is that of the potential seriousness of injury. If a certain process or product could cause a disastrous accident, any reasonable employer would take the greatest possible care to avoid it. Such stringent precautions would still be necessary even though the chances of the accident happening were in fact quite small.*

*"3) The third 'ingredient' is the obviousness of the danger. Since an employer can only guard against hazards he knows or ought to know about he cannot usually be blamed for injuries caused by hidden or unexpected dangers. But on the other hand he might be held liable if a proper research, training or information flow system would have revealed the risks in question.*

*"4) The fourth factor is the cost of safety. Essentially the law's task is to balance out society's desire for profit and the individual worker's demand for safety and welfare. It rarely resolves a safety problem by forbidding work to be carried out at all or by requiring precautions so expensive as to drive the employer out of business – though such a conclusion may possibly be reached if the danger is extreme and there is no other way of avoiding it.*

*"5) Lastly we should recognize the inherent risk factor. All kinds of work involve varying degrees of risk about*

*which little or nothing can be done. This is well recognized in the contest of mining, steeple-jacking, oilrig work, and the like, but the point is equally true of much more humdrum jobs.*

"Ikkonsidrati dawn il-fatturi, l-Qorti thoss li kif kellu jsir il-hatt tal-merkanzija, minn ihaddem kellu jirrealizza li kien hemm possibilita` ta' incident, u li jekk isehh incident, il-konsegwenzi jistghu jkunu gravi. Is-sid, hu veru, ipprovda *safety shoes* ghall-haddiema tieghu, *pero*`, naqas minn obbligu principali li din il-Qorti tqies li hu wkoll obbligu fundamentali, u *cioe*`, it-tahrig. Il-haddiema ma jirrizultax li qatt gie indikat lilhom kif jipprocedu meta jghabbu u jhottu *truck*, u qatt ma gie indikat lilhom x'mizuri prekawzjonali ghandhom jiehdu, partikolarment li qatt ma kellhom ipoggu l-vireg tal-hadid f'posizzjoni vertikali f'post vicin fejn huma jkunu qed jahdmu. Peress li x-xoghol tal-hatt kien jehtieg li l-haddiem jitla fuq it-*truck*, kellha tkun ovja ghal min ihaddem li l-haddiem, ghal xi raguni jew ohra, jista' jizloq, anke jekk ikun liebes *safety shoes*. Il-haddiem, allura, kellu jigu provdut bi *crash helmet* u, forsi, bi *step ladder* zghir li kienet taghmilha komoda ghal haddiem li jigbed il-kaxxi. Lill-haddiem kellu jigi indikat li, qabel ma jaqbad kaxxi mill-gholi, kellu jwarrab kull oggett ta' periklu mill-inhawi tieghu. F'dan il-kaz, ma sar xejn minn dan. Kif sfortunatament jigri hafna drabi f'pajjizna, meta si tratta ta' haddiem *unskilled*, min jimpjegah jghidlu x'inhu xogholu, u jitilqu ghar-rasu. It-tahrig huwa, *pero*`, parti importanti f'kaz ta' dawn il-haddiema, u s-sid m'ghandux jitlaq persuna ghax-xoghol qabel ma jkun assessja l-periklu, u jghati istruzzjonijiet cari u precisi ta' kif ix-xoghol kellu jsir, u *inoltre* jassigura ruhu, jekk hemm bzonn b'*inspections* regolari, li d-direttivi tieghu jkunu qed jigu segwiti. Fejn hemm il-hajja ta' bniedem fin-nofs, min ihaddem m'ghandux jonqos milli juza mezzi ragjonevoli (imqabbla mal-kobor tan-negozju tieghu) biex jassigura kontra kull incident.

"F'dan il-kaz jirrizulta wkoll li t-*truck* kien mimli aktar min-normal. Biex tiffranka l-hin u l-ispejjez, is-socjeta` konvenuta, fiz-zmien is-sajf, kienet tesigi li t-*truck* jigi ppakkjat f'kull rokna, b'mod li ghalkemm taf li l-haddiem

ikollu jitla’ fuq il-genb tat-*truck* biex inizzel il-kaxxex, kienet thalli disponibbli spazju zghir fejn il-haddiem ipoggi saqajh, b’mod li kienet izzid il-possiblita` ta’ incident. F’sitwazzjonijiet simili, ma kellhiex biss tformi lill-haddiema b’*safety shoes*, izda b’sellun li jinfetah forci u li jkun b’sahtu, biex l-access ghal-kaxxex ikun b’anqas periklu.

"Ghalkemm din il-Qorti tqies li s-socjeta` konvenuta naqset fl-obbligi taghha lejn il-haddiema taghha, specjalment meta naqset billi ma ipprovdietx tahrig ghalihom, ma tistax teskludi xi kontributarjeta` *da parti* tad-*de cujus* ghal-incident. Kif inghad, l-incident proprju hadd ma rah isehh, u ghalkemm il-Qorti taccetta fuq bazi ta’ probabbilita` d-deskrizzjoni ta’ dak li setgha gara moghtija minn William Healey, ma tistax teskludi li Agius seta’, b’xi hmerija minn tieghu, ikkontribwixxa ghall-incident, bhal, per ezempju, li seta’ qabez bil-goff jew li, waqt li qabza, ha direzzjoni azzardata. L-atturi, mill-provi li ressqu, ma eskludewx il-possibilita` li s-Sur Agius kien hu wkoll traskurat jew ghamel xi mossa bla sens, u *kwindi,* il-Qorti ma tarax li ghandha titfa l-htija tal-akkadut kollha fuq is-socjeta` konvenuta. Mehud *in konsiderazzjoni* c-cirkustanzi tal-kaz, il-Qorti jidhrilha li ghandha taddebita lis-socjeta` konvenuta bir-responsabilita` fi grad ta’ tlett-kwarti.

"Is-socjeta` konvenuta allegat ukoll li seta’ kien hemm xi cirkustanzi esterni li aggravaw il-griehi, bhal id-dewmien biex il-pazjent jittiehed l-isptar u jigi ezaminat bit-tobba. Fil-fehma tal-Qorti, *pero*`, ma jirrizultawx indizji jew cirkustanzi ohra, barra l-incident, li setghu waslu ghall-mewt ta’ Dominic Agius.

"Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni irrizulta li l-vittma kellu 36 sena meta sehh l-incident. Biex jigi stabbilit il-*multiplier*, il-Qorti trid tiehu *in konsiderazzjoni* l-kontingenzi tal-hajja futura – ara “Caruana vs Camilleri”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Frar, 2004. Kif qalet l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Bugeja vs Agius”, decisa fis-26 ta’ Lulju, 1991:

*"“Fi kliem iehor is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b’sahhtu hu mistenni li jibqa’ jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrkjedi li tenut kont tal-eta` tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehed numru ta’ years purchase li hu l-multiplier u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma”.*

"Fid-dawl ta’ dawn il-principju, il-Qorti, f’dan il-kaz, sejra tadotta *multiplier* ta’ 20.

"Ghar-rigward id-dhul tal-attur, jirruzulta li dan kellu paga ta’ Lm303 fix-xahar qabel ma’ miet. Jekk wiehed jikkalkula zidiet fil-paga u possibilita` ta’ avvanz fix-xoghol, il-Qorti thoss li jkun opportun li l-*lucrum cessans* jigi mahdum fuq dhul annwali ta’ Lm4,500. Minn din is-somma m’ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba hlasijiet tat-taxxa (ara “Muscat vs Schembri”, decisa minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972), u lanqas minhabba hlasijiet tal-PAYE jew ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, decisa minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983).

"Jirrizulta, *inoltre*, li l-vittma kien ghadu guvni meta miet, jghix fl-istess dar mal-genituri tieghu u hutu. F’kazijiet bhal dawn, kif affermat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Turner vs Agius”, decisa fit-28 ta’ Novembru, 2003, il-Qorti trid tiehu hsieb ukoll id-*“dependency issue”*, ghax, kif osservat l-istess Onorabbli Qorti:

*"“Hemm differenza f’sitwazzjoni fejn si tratta ta’ mewt ta’ kap ta’ familja li minnu din tkun qieghda tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta’ membru iehor ta’ familja li qeghdha tghix fi hdanha u li fin-normalita` tal-hajja l-probabilita` tkun li din tiehu l-istat taghha jew tmur tghix ghar-rasha”.*

"Dan il-principju kien gie elaborat ukoll f’sentenza ohra tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fid-29 ta’ Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet “Agius vs Fenech”.

"*Kwindi*, f'dawn ic-cirkustanzi, din il-Qorti thoss li minhabba d-*degree of dependency* hu wiehed baxx, l-ammont likwidat ghandu jigi ridott b'nofs, *cioe*`, b'50%, kif ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Agius vs Fenech", imsemmija.

"Mid-danni trid titnaqqas wkoll 25%, jew kwart mis-somma, bhala rata ta' konsum misthajjel li l-vittma kienet *"tiekol"* jew *"tonfoq"* mill-kapital likwidat. Li ghandu jitnaqqas dan il-pencentagg gie konfermat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Turner vs Agius", gia qabel imsemmija.

"F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (*"lump sum payment"*) lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, *pero*`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa. Il-Qorti taqbel ma' din il-prattika, u meta tqies, allura, li l-incident sehh fl-1999, it-tnaqqis minhabba *"lump sum payment"* ghandu jkun ta' 12%.

"*Kwindi*, l-kumpens dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* ghandu jigi kkalkulata hekk:

"Lm4,500 x 20 – 50% - 25% - 12% = Lm29,700

"Peress li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni fi grad ta' tlett kwarti (3/4), hija ghandha thallas is-somma ta' Lm22,275.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' *in parte* it-talbiet attrici, tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli fi grad ta' tlett kwarti (3/4) ghall-incident li sehh fid-19 t'Awissu, 1999, li fih miet Dominic Agius, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi, *in linea* ta' danni, is-somma ta' Lm22,275 (tnejn u ghoxrin elf, mitejn u hamsa u sebghin liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mill-atturi, u tlett kwarti (3/4) mis-socjeta` konvenuta."

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2 L-aggravji tal-konvenuta appellanti huma diretti fl-ewwel lok fil-konfront tar-responsabbilita` tas-sinistru u, *in subsidium*, u fil-kaz li din il-Qorti jidhrilha mod iehor, li f'kull kaz il-likwidazzjoni tad-danni kellha tigi riveduta 'l isfel.

**<u>DWAR IR-RESPONSABBILITA`</u>**

3.1 Is-socjeta` konvenuta appellanti tissottometti li hija bl-ebda mod ma tahti ghal dan l-incident u li l-provi juru bic-car li fl-aghar ipotesi dan kien biss <u>accident</u> li ma jimputa l-ebda responsabbilita` ghas-socjeta` konvenuta.

3.2 Is-socjeta` konvenuta tissottometti li l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzjonijiet taghha fuq asserzjonijiet gratuwiti li mill-provi ma jirrizultawx. Ix-xoghol pratikat mill-vittma la kien jirrikjedi xi sengha partikolari u lanqas tahrig. La l-provvista ta' "*safety helmet*" u lanqas ta' "*step ladder*", kif erronjament argumentat l-ewwel Qorti, ma kienu ser jaghmlu xi differenza fuq l-incident *de quo*. Kull ma kien rikjest mill-haddiem kien dak li l-kaxxi tal-minerali jitnizzlu fil-baxx u minn fuq it-*truck* jitqassmu ghand id-destinatarju. Kien ghalhekk li jintbaghtu zewg haddiema jahdmu flimkien. Hemm imbaghad diskrepanzi serji fix-xiehda moghtija minn William Hili (fl-atti dan hu indikat bhala William Healey) bejn dak li ddepona fl-inkjesta magisterjali kondotta minn Dr. Veronica Aquilina ghal dak li xehed hames snin wara permezz ta' *affidavit*. L-ewwel Qorti ma messhiex tat wisq affidament lil dan ix-xhud. Il-prova dwar htija kienet tispetta lill-atturi u din baqghet ma ngabitx sufficjentement. L-atteggjament tal-vittma appena korra u sa ma ttiehed l-Isptar ghal kura ma kienx wiehed ta' rabja, u li allura, skond l-appellanti,
"....jfisser li l-probabbilita` kbira hija illi meta sehh l-incident, Agius stess intebah li l-incident sehh purament tort tieghu nnifsu u mhux tort ta' haddiehor."

3.3 Fit-tieni lok, anke kieku kellha tinsab xi htija fl-operat ta' l-appellanti, din kellha tkun fi grad ferm anqas billi l-vittma kien ilu jahdem dan ix-xoghol u kellu l-esperjenza tal-mestjer. Ir-responsabbiltia` principali tibqa' dejjem tal-vittma, b'dan pero` li dan l-ipotesi hi biss wahda sussidjarja ghal dik ta' nuqqas ta' htija assoluta min-naha taghha.

**<u>DWAR IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANI U L-QUANTUM LI GIE LIKWIDAT</u>**

4. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti lanqas taqbel mal-kalkoli tad-danni dan u peress li,

(i) ma kien hemm ebda gustifikazzjoni oggettiva 'l ghala l-"*lump sum payment*" ma kellux jinghata interament , jigifieri 20%;

(ii) taht l-Att VI/2004, l-kumpens simili, li kieku kellha tirrizulta responsabbilita` fil-konfront taghha kellu "*capping*"- f'kaz ta' responsabbilita` shiha - sa massimu ta' Lm20,000. Ghalhekk wara li jsiru l-kalkoli tad-dani dan il-"*capping*" kellu jittiehed in konsiderazzjoni.

5. Jigi rilevat li s-suespost jirrapprezenta biss sintesi min-naha tal-Qorti ta' l-argumenti, per via ta' aggravji, min-naha ta' l-abili difensuri tas-socjeta` appellanti.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI GHAR-RIKORS TA' L-APPELL</u>**

5.1 L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

5.2 Huma ghamlu referenza ghal dak li huma gia` ssottomettew in iskritt quddiem l-ewwel Qorti. Huma jichdu dak kollu li gie sottomess mill-kontro-parti appellanti dwar ir-responsabbiltia` ghall-akkadut u jaghmlu referenza ghal kazijiet ohra decizi dwar dan il-punt. Huma jsostnu li minn dawn is-sentenzi johrog kjarament l-obbligu ta' l-"*employer*" li jipprovdi sorveljanza adegwata biex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx ta' pregudizzju ghall-impjegat. Il-Qorti ta' l-ewwel grad bl-ebda mod ma kienet marbuta ma' dak li gie konkluz fl-inkjesta magisterjali.

Minbarra dan, ix-xiehda moghtija minn William Healey hija wahda kredibbli u ma fihiex diskrepanzi, kif allegat is-socjeta` appellanti fir-rikors ta' appell.

5.3 Lanqas ma hu l-kaz li din il-Qorti tvarja jew tiddipartixxi minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar il-htija kontributorja (25%) min-naha tal-vittma.

5.4 Bl-istess mod, ma hemm l-ebda gustifikazzjoni biex jintlaqa' l-ahhar aggravju dwar revizjoni tal-percentwal adoperat (12%) ghal fini ta' riduzzjoni minhabba hlas "*lump sum*". Id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, taht dana l-aspett, giet ukoll ezercitata b'mod tajjeb u gust.

Ghalhekk isegwi li l-appell interpost ghandu jigi respint.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Dan hu appell dwar infortunju fuq il-lant tax-xoghol li wassal ghall-mewt ta' haddiem, Domenic Agius, guvni, fl-eta` ta' 36 sena. Din il-Qorti, sfortunatament, ikollha diversi kawzi ta' dan it-tip pero` l-konkatenazzjoni tal-fatti fil-kaz in ezami - normalissima fl-apparenza esterna taghha imma gravissima (fatali) f'dak li huwa ezitu - m'hijiex daqstant komuni.

7. Il-vittma kien impjegat mas-socjeta` konvenuta b'kuntratt ghal perjodu indefinit. Ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti filli jghabbi, igorr u jhott kaxxi u tankijiet minn fuq vetturi ("trucks") tas-socjeta` konvenuta. Fid-19 ta' Awissu 1999, fil-kors ta' dan ix-xoghol ta' hatt u skarikar ta' merkanzija mqieghda f'kaxxi minn *truck*, dan il-haddiem korra in konsegwenza tal-fatt li virga tal-hadid - li dwarha in segwitu ser jinghataw aktar dettalji - dahhlitlu accidentalment, fil-warrani tieghu, (fir-*rectum)*. Minn fuq il-post tax-xoghol, ftit minuti wara, il-haddiem ittiehed fit-Taqsima ta' l-Emergenza fl-Isptar San Luqa, wara li rikeb f'karozza privata. Hemmhekk huwa kien ghadu fuq saqajh, u sa ghamel anke uzu mit-"toilet" fl-isptar. Gie operat ftit wara pero` xi granet wara l-kondizzjoni tieghu qalbet ghall-aghar u spicca biex tilef hajtu, meta kien ghadu rikoverat l-isptar, jigifieri fl-ghodwa tat-23 ta' Awissu, 1999.

8. Dwar il-kawza jew kawzi tal-mewt, ir-rapport ta' l-awtopsja (fol. 41, Dok MTC) *inter alia* jsemmi li gej:
"*This metal bar pierced his perineum....At laparatomy there was extra peritoneal injury of the bladder with a tear of the posterior wall measuring about 4cm in length, an anterior tear of the rectum and of the levator ani. His condition deteriorated suddenly and he died yesterday morning and was diagnosed as having septic shock."*

Waqt id-deposizzjoni taghha, inoltre, il-Professoressa Marie-Therese Camilleri Podesta`, li kkonduciet l-awtopsja fuq il-kadavru, ziedet telabora li gej (ara fol. 39 tal-process),
"Li gara, minhabba dak li sofra tant kellu *bacteria* u tant kellu '*tears*', li l-pazjent kellu *'cardio-vascular insufficiency*, li l-kelma '*shock*' imsemmija fir-rapport tfisser, rizultat ta' liema l-pazjent miet.

*We can say that the main cause of the death is the rupture of the rectum and the bladder, which have very serious consequences. Whenever there is a delay, the delay always affects and aggravates the injury, but a delay of half an hour in this case would not have made much of a difference."*

9. Kif gia` nghad <u>supra</u> l-ferita li pprecipitat dan kollu tinisslet minn virga tal-hadid. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni *per se*`. Il-kontestazzjoni vera u proprja ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' responsabbiltia` tirrigwarda d-dinamika ta' l-incident - li in verita` l-provi dwarha huma skarsi hafna u jistriehu sew fuq ix-xiehda ta' William Healey, li lanqas jista' jinghad li ra *de visu* x'gara u fil-fatt hekk xehed dan ix-xhud. Dwar din il-virga, jew ahjar vireg, ghax jirrizulta li minnhom kien hemm diversi, l-ewwel Qorti spjegat korrettement li gej (ara fol. 108. tal-process),
"Peress li l-merkanzija tkun tikkonsisti f'diversi kaxxex ta' daqs differenti, it-*truck* ikun maqsum b'vireg tal-hadid vertikali biex il-kaxxex ikun jistghu jigu stivati ahjar. Bejn il-vireg vertikali, jitpoggew vireg ohra orizzontali li jintuzaw biex il-merkanzija ma toqghodx tigri fit-*truck*. Dawn il-

vireg orizzontali mhumiex fissi, izda jitnehhew minn posthom waqt li l-kaxxex ikun qed jigu mghobbija fit-*truck* jew waqt il-hatt."

10. Mill-ftit provi dwar l-incident jirrizulta li fid-data tas-sinistru, Agius u Healey (li kien ukoll is-sewwieq tat-*truck*) kellhom iqassmu konsenja fi stabbiliment fil-Hamrun. Minhabba l-prezenza ta' karozzi pparkeggjati tul it-triq, it-*truck* taghhom thalla stazzjonat f'qaghda ta' "*double parking*", biswit il-hanut fejn kellu jsir l-ispacc. Healey mar fuq in-naha ta' barra tat-triq, waqt li Agius (il-vittma) mar fuq in-naha gewwenija - it-tnejn ihottu kaxex separatament minn fuq it-*truck*. Biex ihottu dawn il-kaxex, kien hemm bzonn li titnehha virga orizzontali li kienet tinsab fuq it-*truck*. Dawn il-vireg kienu jitpoggew jew ma' l-art orizzontalment jew mat-*truck* vertikalment. F'hin minnhom, Healey sema' lil Agius jghajjat bl-ugiegh u sema' lil siehbu jghidlu li kienet dahhlitlu bicca minn wahda minn dawn il-vireg tal-metall fil-warrani tieghu. Tant gara kollox f'daqqa u inaspettatament li Healely jghid li ghall-ewwel haseb li siehbu kien qieghed jiccajta, imma ma kien hekk xejn. Imbaghad sehhet is-sekwenza tal-fatti kif gia` riportati *supra*.

11. L-ewwel Qorti wara li ghamlet analisi approfondita ta' l-akkadut u ghaddiet u rassenja diversi awtoritajiet - kazistika u awturi - waslet ghall-konkluzjonijiet li l-htija ghal dak li gara kellha taqa' kemm fuq l-"*employer*" li naqas milli jipprovdi sistema jew ambjent "*safe*" ta' xoghol ghall-impjegati tieghu, kif ukoll fuq l-impjegat innifsu, ghalkemm fi grad minuri, u dan minhabba li hu wkoll kien negligenti u kkontribwixxa ghal dak illi gara fuq persuntu.

12. L-appell ad istanza tas-socjeta` appellanti - l-uniku appell li gie fil-fatt interpost - ghandu l-iskop li jxejjen dak li gie deciz mill-ewwel Qorti fir-rigward tat-tlett kwarti (¾) mir-responsabbilita` akkollati lilha. Is-socjeta` appellanti ssostni li mill-provi ma jirrizultax in-ness ta' kawzalita`, jigifieri dak ta' kawza u effett, li b'xi mod jallacjaha mas-sinistru. Din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament dak li gie sottomess kemm min-naha u kemm minn ohra, hija tal-fehma li *in ultima analisi*, u wara li hasbet fit-tul, is-

socjeta` konvenuta ghandha ragun *in parte* fis-sottomissjonijiet taghha. Fi kliem iehor, tenut kont ta' dak li jemergi mill-provi, huwa ingust li jigi ritenut li l-bicca l-kbira tal-htija ghall-akkadut kienet attribwibbli lilha. Bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad, il-provi prodotti ghandhom invece iwasslu ghad-decizjoni li l-maggior parti tal-htija kienet attribwibbli ghal negligenza min-naha tal-vittma, b'dana pero` li s-socjeta` konvenuta, bhala l-"*employer*" kellha hi wkoll terfa' parti, ankorke` fi grad minuri, mit-tort in kwistjoni.

13. Din il-Qorti certament ma taqbilx mas-socjeta` konvenuta meta din issostni li hija ma kkontribwiet proprju xejn ghas-sinistru u ma setghet hadet ebda mizuri ta' prevenzjoni biex tissalvagwardja, f'kull stadju tax-xoghol intrapriz mill-haddiema taghha, l-interessi ta' l-istess haddiema mill-punto di vista ta' "*safety*" fuq il-lant tax-xoghol. Din il-Qorti tasal biex tapprezza d-delikatezza u l-inkarigu "antipatiku" li kellha s-socjeta` appellanti, tramite l-konsulent legali taghha, biex turi u tikkonvinci lill-Qorti li kien il-vittma stess, u hadd hliefu, illi kien jahti ghal li gara, imma fl-istess hin lanqas tista' taccetta certi ragjonamenti li gew ventilati minn din il-parti. Hekk per ezempju, li tislet argument mill-fatt (?) li, appena wegga', il-vittma flok irrabja kontra l-"*employer*", infexx jghajjat biss bl-ugiegh li hass, huwa argument assurd ghall-ahhar. Persuna f'dawk ic-cirkostanzi zgur tkun taht xokk enormi u ebda reazzjoni partikolari naha jew ohra ma hija idonea biex taghti lok ghal xi konsiderazzjoni bis-sens, ahseb u ara kemm wiehed jista' jazzarda jispekula dwar x'seta' jaghmel dan l-imsejken. Minbarra dan, din il-Qorti ma tistax tifhem il-mod ekwivoku fir-ragjonament tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tal-vittma. Minn banda hija donnha tallega li Domenic Agius kien bniedem propens ghal imgieba ta' persuna mgerfxa, karatterizzata minn qbiz u salti minn post ghal iehor qisu xadin (sic), u fl-istess waqt tissottometti li ma kienx hawn il-kaz ta' xi tahrig partikolari ghaliex min-naha ta' l-"*employer*" Agius kien bniedem ta' esperjenza u kien afdat fuq ix-xoghol li kien jaghmel.

14. Din il-Qorti pero` tasal biex taccetta l-argument li, a differenza ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, ix-xoghol li

kien jaghmel il-vittma, ma kienx jirrkjedi xi tahrig tekniku partikolari imma b'daqstant lanqas isegwi li l-"*employer*" seta' jezimi ruhu minn kull obbligu iehor fis-sens li jipprovdi "*a safe system of work*" billi semplicement jipprokura u jforni par zarbun lil kull lavrant biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' korriment jew accident fil-kors ta' hatt ta' merkanzija minn fuq it-*truck* u jieqaf hemm. Mill-provi jirrizulta li t-*truck* provdut mis-socjeta` konvenuta ghal dan l-iskarikar kien mghobbi b'kaxxi f'numru ferm aktar milli kien desiderabbli u dan irrenda aktar diffikultuza l-operazzjoni ta' hatt tal-kaxex minn fuq it-*truck* billi rrestringa notevolment il-moviment tal-lavranti, kif ukoll ghamilha izjed difficli biex il-vireg tal-metall jithallew mimdudin fuq it-*truck*. Mhux hekk biss, imma jirrizulta wkoll illi li kieku s-socjeta` konvenuta indenjat tissorvelja jew ta' lanqas tikkontrolla x'jigri attwalment fl-istadju ta' l-iskarikar tal-kaxxi, kienet ukoll tiskopri li, anke f'dana l-istadju, hafna drabi jitfaccaw ostakoli addizzjonali ghall-impjegati taghha kkaggjonat bil-fatt li bil-prezenza ta' vetturi pparkeggjati tul it-triq fejn qieghed isir il-hatt, it-*truck* ikollu jitqieghed f'posizzjoni ta' "*double parking*" li jkompli jirrestringi aktar kemm il-moviment ta' l-impjegat kif ukoll biex jinstab lok idoneju ghat-tqeghid tal-vireg tal-metall ingombranti l-istress *truck*. Mill-provi jirrizulta ampjament li minn dawn il-mizuri bazici sabiex tigi zgurata sigurta` fuq il-lant tax-xoghol is-socjeta` appellanti ma kien jimportaha kwazi xejn - hi kienet sodisfatta ghaliex kull impjegat inghatalu par "*safety shoes*"!. Kwindi li tibqa' ssostni, kif qieghda taghmel is-socjeta` appellanti permezz ta' dan l-appell, li hija ma kellha htija ta' xejn ghal dak li gara lil Domenic Agius, hija tezi zbaljata ghaliex ma tirrispekkjax ghal kollox il-fatti.

15. Jibqa' pero` nnegabbli, min-naha l-ohra, li l-parti magguri tar-responsabbilita` ghas-sinistru kellha tingarr mill-vittma nnifsu li kien negligenti hafna - dan qieghed jinghad bid-dovut rispett lejn persuna li tilfet hajjitha fuq il-lant tax-xoghol, ossija b'rizultat dirett ta' incident li sehh fuq il-lant tax-xoghol - meta dan ghazel, b'mod imprudenti u riskjuz ghall-ahhar, li minflok iqieghed il-virga tal-metall *de quo* b'mod orizzontali, iqieghda vertikalment u b'mod

allura li holoq, bla ma ried, ostakolu addizzjonali u perikolu gravi ghalih innifsu.

Kif inghad ripetutament, il-provi, dwar kif sehh l-incident huma skarsi sew.  Lanqas giet stabbilita proprjament id-dinamika ta' kif Agius spicca bhal speci impalat - oneru li kien nettament jinkombi fuq l-atturi appellati.  Il-vittma seta' qabez jew zelaq accidentalment minn fuq it-*truck* jew semplicement - l-aktar ipotesi probabbli - aljena rasu, nesa li kien pogga virga vertikalment mat-*truck*, u waqt li kien okkupat iqandel il-kaxex tbaxxa b'mod li l-parti ta' fuq tal-virga ppenetrat il-warrani tieghu.  Iz-zmien li ntilef sakemm il-ferut gie ezaminat l-isptar, ghalkemm skond ir-rizultat ta' l-awtopsja ma kienx daqstant determinanti fic-cirkostanzi, certament lanqas kien ta' ghajnuna biex ma jinqalghux komplikazzjonijiet ulterjorment.  Din il-Qorti, filwaqt li tara n-ness bejn l-incident u l-mewt eventwali ta' Agius, ma thossx li jkun gust li l-htija principali tinxtehet u titqieghed fuq spallejn is-socjeta` konvenuta, kif irriteniet l-ewwel Qorti.

16.  Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u b'mod spassjonat u fl-interess suprem li ssir gustizzja, jidhrilha li ghalkemm jirrizulta li kien hemm tassew htijiet attribwibbli kemm lis-socjeta` konvenuta *qua "employer"* kif ukoll lill-vittma, hija tal-fehma, a differenza ta' dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad, li l-proporzjon tal-htija ghandu jigi invertit minn kif deciz.  Dan ifisser li filwaqt li tlieta minn kull erba' parti (¾) tar-responsabbilita` ghall-akkadut kienet attribwibbli lill-vittma, huwa biss ir-rimanenti kwart (¼) mir-responsabbilita` li ghandha twiegeb ghalih is-socjeta` konvenuta.  Dan l-aggravju fil-mertu ghalhekk qieghed jigi parzjalment akkolt.

17.  Dwar il-likwidazzjoni tal-*quantum* tad-danni - Lm29,700 (ekwivalenti llum ghal €69,182.39) - hemm biss aggravju wiehed rigwardanti kemm ghandu jkun il-percentwal ta' riduzzjoni minhabba hlas f'daqqa ("*lump sum payment*").  Jidher hawn qabel xejn evidenti li, in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti investiet dan l-aspett tal-vertenza b'mod metikoluz hafna, l-unika lanjanza da parti tas-socjeta` konvenuta, giet cirkoskritta ghal dan il-punt.

Jirrizulta li l-ewwel Qorti dehrilha xieraq li flok taghmel riduzzjoni massima ta' ghoxrin fil-mija (20%) mis-somma likwidata, kellha invece tattwaha a bazi ta' percentwal ta' tnax fil-mija (12%). Din il-kawza inbdiet fil-21 ta' Novembru 2001, u giet deciza madwar tlett snin wara, jigifieri fit-2 ta' Gunju, 2005. Minn dakinhar sal-lum regghu ghaddew ftit xhur anqas minn perijodu iehor ta' kwazi tlett (3) snin. Din il-Qorti, apparti l-konsiderazzjonijiet flokhom ta' l-ewwel Qorti, ma hijiex tal-fehma li hemm lok ghal xi riduzzjoni ulterjuri taht dan l-aspett. Dan l-aggravju ghalhekk huwa infondat u qieghed jigi respint.

18. Isegwi mela mis-suespost illi mill-ammont komplessiv ta' €69,182.39c, is-socjeta` konvenuta appellanti ghandha tirrispondi biss kwantu ghall-kwart, ossija hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tar-responsabbilita ghas-sinistru jigifieri:
€69,182.39c (Lm29,700) ÷ 4 = €17,295.60c (Lm7,425.00)
(Sbatax-il elf, mitejn u hamsa u disghin Ewro u sittin Ewro centezmi).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' *in parte* l-appell tas-socjeta` konvenuta ghal dak li jirrigwarda t-talba dwar ir-responsabbilita`, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjarat lis-socjeta` konvenuta responsabbli fi grad ta' tlett kwarti (¾) ghall-incident li sehh fid-19 ta' Awissu 1999, li fih miet Domenic Agius, kif ukoll in kwantu kkundannatha thallas lill-atturi, in linea ta' danni l-ammont ta' €51,886.79c (gia` Lm22,275), u minflok, tiddikjara lill-istess socjeta` konvenuta, ghar-ragunijiet suesposti, responsabbli fi grad ta' kwart, jew f'percentwal ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), u b'dana li qieghda tikkundannaha thallas lill-atturi appellati, in linea ta' danni l-ammont ta' sbatax-il elf, mitejn u hamsa u disghin Ewro u sittin Ewro centezmi (€17,295.60c) u b'dan ukoll li, fl-istess proporzjon, qieghda tirriforma dak li gie deciz kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez billi tordna li dawn ghandhom jigu sopportati kwantu tlieta minn kull erba' parti (¾) mill-atturi u r-rimanenti kwart (¼) jithallas mis-socjeta` konvenuta; u bl-istess mod ukoll ghandhom jigu rispartiti l-ispejjez gudizzjarji relativi ghal dana l-appell. Huma dovuti wkoll interessi legali fuq is-sorte li gew

likwidati mid-data ta' l-ewwel sentenza (2 ta' Gunju, 2005) sal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------